MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 288/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**
**Vs**
**Nahi Houdaifa (K.I. 57708L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, mija u disa' ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1109.48) bilanc ghad-debitu fl- "*Overdraft Account"* u ta' martu Vincenza Houdaifa mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mis- 27 ta' Jannar, 2011, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Gunju, 2010 (Dok B) u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi nterpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, l-konvenut baqa inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi s-socejta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skont il-ligi hawn anness u mmarkat Dok "C".

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 18 ta' Novembru, 2011 mill-Avukat Dominic Cassar u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------